# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2025

**Numru 1**

**Rikors Numru 568/18TA**

**Western Co. Limited (C 19994)**
**vs**
**Salvatore u Grace konjugi Ellul, Roderick Ellul, Felix Ellul, u Emanuel Ellul u l-Avukat Dr. Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tas-26 ta' Ġunju 2018 ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-mejjet Nazzareno Ellul (ID. 248540(M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Western Co. Limited (is-Soċjeta' Attriċi) tal-4 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici ta' l-intimat mejjet Nazzareno Ellul fl-ammont ta' €216,000 kif jirrizulta mill-annessi skritturi (Dok A u Dok B).

2. Illi din il-pretenzjoni hija dedotta f'kawza liema kawza hija fl-ismijiet *Western Co. Limited Vs Kuraturi Deputati Nomine (Citaz. nru. 518/2018* LM) ippresentata fl-24 ta' Mejju 2018 pero mhux appuntata.

3. Illi d-debitur Nazzareno Ellul miet fit-18 ta' April 2018.

4. Illi fil-frattemp is-socjeta' attrici saret taf illi d-debitur Nazzareno Ellul itrasferixxa l-assi kollha tieghu lill-konvenuti l-ohra fl-2014 u fl-2015 u saret taf ukoll illi l-istess konvenuti ghadhom kif irrinunzjaw ghall-wirt. Dan jirrizulta mill-annessi iskrizzjonijiet l-insinwa (Dok C u Dok D) u min-noti ppresentati fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja (Dok E sa' Dok H).

5. Illi in effetti permezz ta' kuntratt ta' l-21 ta' Jannar 2014 id-decuius ta' b'donazzjoni lill-konvenuti Salvatore u Grace konjugi Ellul il-garage numru 32, "Saint Garage", Triq Ganu, B'Kara.

6. Illi b'kuntratt iehor ta' donazzjoni datat 20 ta' Novembru 2015 id-decuius ttrasferixxa gratwitament lill-konvenuti l-ohra l-fond terran "Madonnina", fi Triq Ignazio Saverio Misfud, B'Kara.

7. Illi din kienet il-proprjeta kollha li kellu d-decuius u b'hekk is-socjeta' attrici m'ghandhiex mezz biex tirkupra dan l-ammont ladarba id-debitur itrasferixxa l-assi kollha tieghu b'titolu gratuwitu.

8. Illi konsegwentement dan l-agir jikkostitwixxi agir qarrieqi da parti tal-konvenuti sabiex tigi kawzata hsara kontra l-jeddijiet tas-socjeta' attrici, u ghalhekk it-trasferiment msemmija jista jigi attakkat skond l-artikolu 1144 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) Tiddikjara li l-kuntratt ta' donazzjoni li sar fil-21 ta' Jannar 2014 fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella fejn giet trasferixxi permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni mill-konvenut l-illum mejjet Nazzareno Ellul lill-konvenuti Salvatore u Grace konjugi Ellul il-fond garage 32, "Saint Garage", Triq il-Mithna B'Kara sar b'qerq bi hsara tad-drittijiet tas-socjeta' attrici bhala kreditrici tal-konvenuti u dan bi ksur tal-artikolu 1144 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2) Tiddikjara illi l-kuntratt ta' donazzjoni datat 20 ta' Novembru 2015 fejn giet trasferita permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni mill-konvenut l-illum mejjet Nazzareno Ellul lill-konvenuti l-ohra Roderick Ellul, Felix Ellul u Emanuel Ellul il-fond terran "Madonnina", fi Triq Ignazio Saverio Misfud, B'Kara sar b'qerq bi hsara tad-drittijiet tas-socjeta' attrici bhala kreditrici tal-konvenuti u dan bi ksur tal-artikolu 1144 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

3) Thassar ai finijiet kollha u effetti tal-ligi l-imesmmi kuntratti prevja li tordna notifika tas-sentenza ta' dawn il-proceduri lin- Nutar Dr. Nicholas Vella sabiex jaghmel annotazzjoni ta' din is-sentenza fuq il-kuntratti msemmija.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Salvatore, Grace, Roderick, Felix u Emanuel kollha kunjomhom Ellul (il-konvenuti) tas-27 ta' Awwissu 2018 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, in linea preliminary, dina l-kawza hija konnessa direttament ma` kawza ohra fl-ismijiet Western Co. Limited vs Kuraturi Deputati nomine (Rikors Guramentat 518/20180. Fil-fatt, it-tieni premessa tar-rikors guramentat promotur tghid li l-pretensjoni ta` kreditu hija dedotta fil-kawza surreferita. Inoltre, harsa hafifa lejn id-dokumenti prezentati mis-socjeta rikorrenti mar-rikors guramentat promotur mal-ewwel tindika b` mod car li minhabba c-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz u fl-interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja u ghal finijiet ta` pratticita, l-esponenti ser ikunu qed jitolbu li dina l-kawza tigi rikjamanta sabiex tinstema minn Gudikant wiehed;

2. Illi fit-tieni lok u in linea preliminary wkoll, qed tigi eccepita n-nullita tar-rikors guramentat de quo u dan ai termini tal-Artikolu 789(1) (c) u (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta u dana stante illi l-istess att promotur ma jissodisfax id-dettami tal-Artikolu 156 (1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta fost l-ohrajn illi rapprezentat tas-socjeta` attrici ma ddikjarax liema fatti fir-rikors guramentat huwa jaf bihom personalment;

3. Illi fit-tieni lok u fil-mertu, t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess u dana stante li ma jezistux l-elementi necessarji sabiex tirnexxi dina l-azzjoni hekk kif kontemplata mill-Artikolu 1144 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta u dan kif ser jirrizulta ahjar mill-provi migbura waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi fit-tielet lok, il-kawza tal-iskrittura li skond s-socjeta attrici tikkostitwiha “kreditur” skond il-ligi kienet kawza illecita u ghaldaqstant r-rimedju previst mill-Artikolu 1144 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ma jistax jintlaqa;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi skond il-Ligi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dr. Benjamin Valenzia (il-kuratur) tat-22 ta' Novembru 2018 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti u ghalhekk jirrizerva li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju ulterjuri la jkollu aktar informazzjoni.

2. Peress illi hemm kawza ohra pendent quddiem Qorti ohra dwar il-kreditu imsemmi f` din il-kawza (Citaz Nru. 518/2018 LM) ghax jekk dan il-kreditu, ghal xi raguni jew ohra ma jigix kkonfermat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta, dan mitlub f` din il-kawza ma jkollux fundament legali.

3. Illi gjaladarba hemm kawza ohra skont dak indikat fit-tieni premessa tar-rikors promotur, din il-kawza u l-kawza ghadhom jinstemghu flimkien ghall-ekonomija tal-gudizzju u ghall-finijiet ta` provi.

4. Il-kuraturi deputati jitolbu illi c-certifikat tal-mewt ta` Nazzareno Ellul jigi pprezentat mill-Partijiet.

5. Illi s-socjeta rikorrenti tramite r-rapprezentat taghha ghandha tipprezenta l-lista tal-karozzi imsemmija (ghamla, kulur u numru ta` registrazzjoni) fl-iskritturi eszibti bhala Dok.A u B u l-valura individwali ta` kull vettura in kwistjoni.

6. Illi s-socjeta rikorrenti tramite r-rapprezentat taghha ghanha tipprezenta r-ricerki testamentarji li saru fir-rigward tal-konvenuti l-ohra sabiex juri li huma fil-fatt huma l-werrieta.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Qrat u semgħet lix-xhieda.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta’ fatti**

Nazzareno Ellul, li miet fit-18 ta’ April 2018, bis-saħħa ta’ diversi skritturi kien debitur tas-Soċjeta’ Attriċi fl-ammont ta’ €216,000. Dwar dan il-kreditu s-Soċjeta’ Attriċi intavolat kawża apposita li għadha pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (rikors numru 518/2018MS).

Xi snin qabel ma miet, l-imsemmi Nazzareno Ellul trasferixxa l-propjeta’ kollha li kellu lill-konvenuti u dan b’żewġ kuntratti datati 21 ta’ Jannar 2014 u 20 ta’ Novembru 2015. B’ta’ l-ewwel trasferixxa lill-konvenuti Salvatore u Grace

konjuġi Ellul il-garage numru 32, Saint Garage, Triq Ganu B'Kara. Salvatore Ellul jiġi hu d-defunt Nazzareno Ellul. B'tat-tieni trasferixxa lill-konvenuti l-oħrajn il-fond Madonnina, Triq Ignazio Saverio Mifsud, B'Kara. Dawn il-konvenuti jiġu n-neputijiet tad-defunt. Iż-żewġ propjetajiet ġew trasferiti b'titolu ta' donazzjoni. Id-defunt ma kellu xejn ħlief dawn iż-żewġ propjetajiet.

Il-konvenuti kollha rrinunzjaw għall-eredita' tad-defunt fl-14 ta' Mejju 2018.

Is-Soċjeta' Attriċi qed tilmenta li b'dak li għamlu l-konvenuti, din ġiet preġudikata peress li jekk tirbaħ il-kawża dwar il-kreditu mhux ser issib ebda propjeta' tad-defunt fuq x'hiex tkun tista' tesegwixxi l-krediti tagħha.

Għalhekk għamlet din il-Kawża.

**Punti ta' liġi**

Jibda biex jingħad li huwa prinċipju ġenerali li kull persuna tagħmel tajjeb għall-obbligazzjonijiet li għandha di fronte terzi bi ħwejjiġha presenti u futuri kollha. Għalhekk huwa mistenni li meta persuna tkun debitriċi m'għandha tagħmel xejn biex timpoverixxi jew tnaqqas din il-garanzija b'mod li ssir insolvibbli b'detriment tal-kredituri leġittimi tagħha. Huwa għalhekk li l-liġi tagħti diversi rimedji lill-kreditur biex jikkonserva l-patrimonju tal-kreditur b'azzjionijiet bħal ma huma l-*actio debitor debitoris mei* u dik *pauliana*. Fil-kawża tal-lum is-Soċjeta' Attriċi tagħmilha ċara, fir-rikors ġuramentat li qed tesperita l-azzjoni *pauliana* abbażi tal-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

*"(1) Kull kreditur jista' wkoll, f'ismu, jattakka l-atti magħmula b'qerq mid-debitur bi ħsara tal-jeddijiet tiegħu, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut għall-*

*eċċezzjoni tal-benefiċċjuta l-eskussjoni, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 795 sat-801 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu oneruż, il-kreditur għandu jipprova li kien hemm qerq min-naħa taż-żewġ partijiet fil-kuntratt.*

*(3) Jekk dawn l-atti jkunu b' titolu gratuwitu, biżżejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naħa tad-debitur.*

*(4) L-azzjoni li tmiss lill-kredituri taħt dan l-artikolu ma tistax tiġi eżerċitata kontra minuri, ħlief sas-somma li minnha dawn ikunu kisbu qligħ, bla ħsara tal-jedd ta' kull azzjoni oħra li tista' tmiss lill-kredituri kontra t-tutur li jkun ħa sehem fil-qerq".*

L-azzjoni għandha żewg ingredjenti guridiċi prinċipali. L-*eventus damni* li ġie spjegat li jfisser *"Il danno pertanto o pregiudizio che i creditori debbono risentire dall`atto compuito dal debitore, non puo` consistere in altro se non nella diminuzione della guarentigia ad essi accordata, diminuzione che compromette la esigibilita` dei loro crediti"* (Ara **p.232 n.243 ta` "Corso di Diritto Civile" Francesco Ricci**).

L-ingredjent l-ieħor huwa il-*consilium fraudis.* Fis-**Sentenza fl-ismijiet Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Vincent Pace et tal-15 ta` Ottubru 2003** fil-kawża ingħad li :-

"*It-tieni element dak tal-consilium fraudis huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Mhux rikjesta l-prova tal-animus nocendi. L-element tal-consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qegħda tigi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita` tad-debitur, u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditur. Il-konsapevolezza da parti tad-debitur li l-att tiegħu ser jikkaguna hsara fid-drittijiet tal-kreditur tiegħu, tagħti lok għal presunzjoni ta l-intenzjoni frawdolenti "għax min ikun jaf bl-effett ta` xi att, u b` dankollu jirid jagħmel dak l-att, allura jsegwi li hu jrid wkoll dak l-effett"*

Issa subartikolu (2) tal-artikolu 1144 fuq imsemmi jiddisponi li *"Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu oneruż, il-kreditur għandu jipprova li kien hemm qerq min-naħa taż-żewġ partijiet fil-kuntratt"*. Ergo jfisser, li dan ma hux il-każ f'donazzjoni li huwa att gratwitu u li għalhekk il-qerq irid ikun biss ipprovat fir-rigward biss tad-debitur. Il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti huwa att ta' din ix-xorta.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti jidhrilha li qabel ma din tidħol fil-mertu tal-azzjoni, għandha l-ewwel tiddelibera dwar numru tal-eċċezzjonijiet imqanqla mill-konvenuti, b'uħud fir-risposta ġuramentata u oħrajn imqanqla fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.

<u>*Il-Kawża illeċita tal-iskrittura*</u>

Il-konvenuti jridu li din il-Qorti tiċħad it-talbiet peress li skond huma, l-iskrittura li fuqha jistrieħ il-kreditu tal-Attur hija waħda imċappsa b'kawża illeċita'.

Il-Qorti tibda biex tfakkar lill-konvenuti li l-adeżjoni tagħha f'din il-kawża hija l-azzjoni *pauliana* u mhux il-kreditu pre se tas-Soċjeta Attriċi. Kif anke jemerġi mil-provi u anke mill-istess eċċezzjonijiet tal-konvenuti, dik il-kwistjoni qed tkun trattata f'kawża oħra bin-numru 518/2018MS. Għalhekk huwa f'dik il-kawża per se, fejn is-Soċjeta' Attriċi qed titlob il-ħlas, li għandha titqajjem eċċezzjoni bħal din. L-eċċezzjoni tal-kawża illeċita hija waħda mill-ftit istanzi fejn tista' titqanqal *in via d'eccezzione* mingħajr il-ħtieġa li tiġi intavolata kawża *ad hoc*.

Li għandha quddiemha din il-Qorti hija biss azzjoni għall-konservazzjoni tal-patrimonju tad-debitur sabiex il-kreditur ikun jista' jirrealizza l-kreditu b'dan il-patrimonju, li kif rajna aktar 'l fuq huwa rimedju prevetiv fis-sens li d-debitur ikun prekluż milli jimpoverixxi jew addirittura jeħles mill-patrimonju tiegħu bil-preġudizzju li jista' jsofri l-kreditur tiegħu. F'din il-Kawża d-dmir tal-Qorti huwa limitat li tara jekk jeżistux l-elementi biex tkun esperita l-azzjoni *pauliana* u xejn aktar. Għalhekk eċċezzjoni bħal din ma tistax tkun trattata f'din il-kawża għaliex di pju jkun hemm anke intralċ fuq il-mertu ta' kawża oħra li għadha pendenti. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda.

*Il-Preskrizzjoni a termini tal-artikolu (e) u (f) tal-Kodiċi Ċivili*;

Kif inhu risput, din l-eċċezzjoni, kuntrarjament għall-kamp penali, fil-kamp ċivili ma tistax titqanqal mill-Qorti ex-ufficio anke jekk hija meqjusa bħala materja ta' ordni pubbliku, sta għall-parti li tqanqalha. Issa l-konvenuti f'din il-kawża tassew li kellhom iqanqlu din l-eċċezzjoni flok b'mod formali, fin-nota ta' sottimissjonijiet. Il-Qorti tħoss li għalkemm huwa minnu li l-eċċezzjoni tista' titqanqal f'kull stadju

dan ma jfissirx li dan jista' jisir b'kull mod li jidhirlu l-konvenut billi jċaħħad lill-parti l-oħra milli tirribatti din l-eċċezzjoni.

F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jgħallmu hekk:

*"Il-Qorti taqbel mal-fehma kif espressa mill-ewwel Qorti, u tgħid li din imxiet sew meta warrbet il-kwistjoni ta' preskrizzjoni li ġiet sollevata mill-avukat difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni finali tal-proċeduri fl-ewwel istanza. Kif sewwa tirrileva l-ewwel Qorti, kif huwa risaput, eċezzjoni bħal din ma tistax titressaq bħala argument jew sottomissjoni waqt it-trattazzjoni finali, sabiex b'hekk il-parti l-oħra tiġi rinfaċċata f'daqqa waħda b'kwistjoni mingħajr lopportunità li tirribattiha. Tgħid li l-appellant ma kellux jiġi sorpriż b'dan il-mod b'kwistjoni li setgħet iġġib fix-xejn l-azzjoni tiegħu, b'mod li ma kellu l-ebda opportunità li jirribattiha anki permezz ta' provi kuntrarji. Huwa tassew minnu li l-appellant kellu kull dritt skont l-artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili li jissolleva l-kwistjoni f'kull ħin tal-proċeduri, iżda ċertament il-leġislatur ma kellux il-ħsieb li eċċezzjoni bħal din tista' tingħata b'mod li l-parti l-oħra tiġi mċaħħda mid-difiża tagħha billi tinħoloq inġustizzja serja fil-konfront tagħha. Għaldaqstant l-ewwel Qorti mxiet sew u ġust meta ddeċidiet li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni ta' preskrizzjoni kif sollevata mill-avukat difensur tal-appellant waqt ittrattazzjoni finali tiegħu".* (Ara **Appell Inferjuri tas-16 ta' Diċembru, 2022 fl-ismijiet L-Avukat Dottor John Bonello -vs- Publius sive Leo Said**).

Din il-Qorti tagħmel tagħha dan it-tagħlim u għalhekk, ġia la darba din l-eċċezzjoni ma ngħatatx b'mod formali flok tiċħadha qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

*<u>Ir-rikors ġuramentat ma jirrispettax id-dettami tal-artikolu 156(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.</u>*

L-Art 156(1)(a) tal-Kap 12 jgħid illi rikors ġuramentat għandu jkun fih dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża. Din id-dispożizzjoni (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) ingħatat fil-ġurisprudenza interpretazzjoni wiesgħa fis-sens li ma ġietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-liġi. (**Ara Sentenza fl-ismijiet Stephen Grech -vs- On. Prim Ministru et . P.A, deċiża fit-30 ta' Settembru 2013**).

Hekk ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Moore noe -vs- Falzon et tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Diċembru 1995** kien deċiż li: -

"*Il-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari għal kif għandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qiegħed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda.*" (Ara wkoll **Kollez. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228**). Hekk ukoll ingħad fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Bonnici -vs- Zammit noe, deciża fl-20 ta' Jannar 1986** fejn it-tifsira tal-Art.156(1) kienet spjegata hekk –

"*Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja għandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero' li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur għandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-Kap.12] u għalhekk igib miegħu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, għandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza*

*tiegħu. Dan apparti li ccitazzjoni għandha tigi ezaminata fit-totalita' tagħha u mhux spezzettata."*

Fis-**Sentenza fl-ismijiet Vella -vs- Cefai, Appell Civili tal-4 ta' Novembru 1991**, dik il-Qort kompliet tafferma li f'dawn il-kawżi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun għall-prattiċita` u sabiex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjez żejda, għandha tkun iebsa meta tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi.

In-nullita` ta' l-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. Dan prinċipalment peress li n-nuqqasijiet imsemmija fl-eċċezzjonijiet, ma ppreġudikawx b'xi mod lill-konvenut fis-sens li ma setax jiddefendi lilu nnifsu, ma jikkostitwixxix raġuni gravi li għandha twassal għan-nullita`.

Ġie wkoll ribadit li "*Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke a bazi ta' l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 hija li 'formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qiegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh'* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Fino -vs- Fabri nomine, Qorti tal-Appell tat-28 ta' Frar 1997**).

Dan kollu jfisser li konsegwentement l-atti għandhom jiġu salvati minflok annullati jew dikjarati nulli. (Ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Ellul vs Coleiro', Qorti tal-Appell tal-24 ta' Jannar 1994**).

Jingħad ukoll li l-Art.156(1) għandu jinqara' wkoll flimkien ma' l-Art.789 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Infatti l-kawżi li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita` ta' atti ġudizzjarji li tista' tingħata huma dawk imsemmija fis-subartikolu (1) tal-Art. 789. L-erba' (4) ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullita` ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom. (Ara **Sentenza fl-ismijiet K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited, Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Marzu 2003**).

Fil-każ tallum, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti ssib sostenn fl-Art. 789 tal-Kap. 12 u ma twassalx għan-nullita` ta' dawn il-proċeduri. Ir-rikors promotur ġie debitament ikkonfermat bil-ġurament u fih biżżejjed fatti, ikkonfermati bil-ġurament, li poġġew lill-konvenuti f'qagħda li setgħu jikkumbattu u jirrispinġu l-pretensjonijiet tas-soċjeta' Attrici. Minn eżami tal-provi prodotti dan il-kumbattiment, il-konvenuti għamluh tajjeb u b'saħħa kbira u minn imkien ma jirriżulta li tul il-Kawża lmentaw li dan ma għamluhx minħabba il-mod kif ġie redatt ir-rikors. Fi ftit kliem altru li ma sofrew ebda preġudizzju.

Għaldaqstant anke din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda.

*Il-mertu*

Il-Qorti tibda mill-ewwel biex tosserva li d-defunt Nazzareno Ellul tassew għandu storja twila medika u dan minħabba li sfortunatament għalih twieled fiżikament defiċjenti. Imma l-Qorti min-naħa l-oħra wkoll trid tgħid li b'dana kollu kull min għandu xi defiċjenza fiżika mhux kapaċi jew m'għandux il-ħila li jeżerċita d-drittijiet ċivili?

Di fatti kuntrarjament għal dak li jgħidu l-konvenuti, mhux minnu li d-defunt ma kienx jagħmel negozju jew atti ta' kummerċ għaliex kien bniedem vulnerabbli. Mir-riċerki esebiti jirriżulta b'mod ċar li kellu l-kapaċita' li jbiegħ u jixtri għall-inqas għaxar darbiet u f'bosta kuntratti kien jingħad li jinsab fil-kummerċ (ara minn a' fol 178 sa 192). Għamel mhux anqas minn żewġ testmenti, bl-aħħar wieħed fis-sena 2015 (a' fol 209). Dan kollu jikkontradixxi dak li jgħid Salvatore Ellul, hu Nazzareno, li "*Hija zgur qatt ma kien fin-negozju ma hadd"* Jiddisikriviħ bħala bniedem sempliċi u vulnerabbli (a' fol 238). Dan jgħiduh ukoll membri oħra tal-familja.

Tal-familja anke jgħidu li kienu jieħdu ħsiebu u li minn dejjem għamlu miegħu dak li kellu bżonn minħabba l-istat tiegħu. B'dana kollu min-noti fl-istorja medika tiegħu jirriżulta mod ieħor. Per eżempju insibu hekk: "*Called to review patient at home situation. Patient claims to live alone. Claims to have siblings but apparently is not in contact with them ... is very unkept"*. Din in-nota hija datata 9 ta' Novembru 2015 (a' fol 301). F'nota fl-istorja medika tiegħu hemm innotat li meta żar l-isptar "*Not accompanied by any relative* <u>*and no contact number available*</u>" (Emfażi tal-Qorti). Dan kien fit-2 ta' Ottubru 2015 (a' fol 288). Dan kien wara li għamel l-ewwel trasferiment.

Dan il-fatt ma tantx jagħti affidament għax-xhieda tal-konvenuti.

Di piu', sabiex id-defunt wettaq id-donazzjonijiet inkwistjoni u x'aktarx sabiex tinqatel kull spekulazzjoni li ma kienx fi stat mentali ħażin, inħareġ ċertifikat mediku li jgħid hekk: Ċertifikat mediku rilaxxat minn Dr. Richard Camilleri li dan jiddikjara li "*I have tested him ... found him fully oriented to time, place and*

*person and capable of disposing of hid property by means of a donation"*. Certifikat mediku rilaxxat minn Dr. Richard Camilleri datat 20 ta' Jannar 2014 (a' fol 215). Fit-18 ta' Novembru 2015 ġie wkoll dikjarat li medikament kien fi stat ta' saħħa li seta' jagħmel testment (a' fol 221). Mill-istorja medika jirriżulta li kemm -il darba daħal l-isptar minħabba uġiegħ f'sidru x'aktarx kawżati minn ansjeta' (a' fol 300). Pero nota ta' Dr. Charles Mallia Azzopardi datata 24 ta' Ġunju 2014 jingħad li "*parameters were otherwise within normal limits, he was afebrile and he had a normal gait, able to walk tandem gait and he had no cerebellar signs ... he was encouraged to increase oral fluids and he was advised to stop smoking*" (a' fol 341).

Issa l-Qorti tifhem u ma teskludix li fl-aħħar ta' ħajtu s-sitwazzjoni tad-defunt setgħet tassew iddeġenerat. Pero' ai fini tal-azzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, l-epoka li trid tkun eżaminata hija dik ta' meta saru d-donazzjonijiet inkwistjoni. Għalkemm il-file ma instabx, tassew jirriżulta li d-defunt kien ġie ammess l-ewwel darba Mount Carmel Hospital fit-22 ta' Marzu 2016. Pero' l-Qorti m'għandha ebda prova konkreta li d-defunt ma kienx konnoxxenti ta' dak li kien qed jagħmel fil-mument li għamel id-donazzjonijiet imsemmija. Dan qiegħed jingħad ai fini tal-azzjoni odjerna u bl-ebda mod b'referenza għall-validta' o meno tal-iskritturi ffirmati mid-defunt u dan għaliex irid ikun stabbilit element importanti. Mhux wisq importanti li jiġi eżaminat jekk il-konvenuti għandhomx ikunu eżaminati fid-dawl tal-*consilium fraudis* għaliex si trattata ta' donazzjoni, iżda dan l-element irid ikun eżaminat fil-konfront tad-defunt.

Issa biex ikun stabbilit dan l-element, mhux meħtieġ l-element ta' ħażen tal-frodi per se. Fis-**Sentenza fl-ismijiet Henry Pace et -vs- Antonio Portanier, Appell Kummerċjali, deċiża fid-29 ta' Marzu, 1957** ingħad hekk dwar dan l-element: "… *l-intenzjoni frawdolenta tad-debitur hija prezunta meta huwa jkun għamel att pregudizzjevoli għall-kredituri fil-waqt li kien jaf li ga kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att; u din ix-xjenza da parti tiegħu għandha tigi faċilment ammessa, billi hija haga inverosimili li wiehed ma jkunx edott mill-affarijiet tiegħu sa dak il-punt". Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Moira Zammit Tabona vs Simlar Limited et, Citazz. Nru. 1586/01 deciza minn Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Novembru 2006. "In effetti l-animus nocendi mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni revokatorja imma huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzjoni li l-att ser ikun leziv għall-kreditur"*.

Għalhekk mhux meħtieġa l-prova tal-*animus nocendi*. "*L-element tal-consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qegħda tigi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita' tad-debitur, u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditur"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Bugeja -vs- Terribile deciza 7 ta' Jannar 1936 – Vol.XXIX.II.866**).

Issa skond il-konvenut Salvatore Ellul, li jiġi hu Nazzareno, wara li dan trasferixxa l-propjeta' mertu ta' din il-Kawża lilu u lill-konvenuti l-oħrajn dan ma kien fadallu xejn aktar (a' fol 154). Din id-dikjarazzjoni twassal lil din il-Qorti għal żewġ konklużjonijiet. L-ewwel waħda li għalhekk il-preġudizzju li ġie kkawżat lill-kreditur huwa ovvju u manifest bil-konsegwenza li anke l-element ta' l-*eventus damni* huwa pprovat. It-tieni konklużjoni, li talinqas dan il-konvenut inkwistjoni

kien għamel ir-riċerki dwar id-defunt sewwa, għaliex li kieku ma kienx jagħmel dikjarazzjoni bħal din.

Iżda għall-konvenuti, id-defunt kien tajjeb biex jagħtihom dak kollu li kellu, pero' fi snin meta kien għadu iżgħar u forsi aktar f'saħħtu, ma kienx tajjeb biex jagħmel negozju jew jiffirma l-iskrittura flimkien ma' ċertu Joseph Grima imlaqqam il-'Vazu'. Dan ta' l-aħħar ħarab u ħalla lid-defunt jiżfen waħdu (Ara xhieda ta' Conrad Pisani a' fol 157 tergo).

L-imsemmi Conrad Pisani jgħid ukoll "*Li gara konna tlabna bhala garanzija tas-sur Ellul biex jagħmel garanzija nbilli qiesu l-persuna dejjem miegħu, dejjem jinnegozja miegħu u hekk*." (idem). Dan ix-xhud għalhekk ikompli jafferma li d-defunt xi tip ta' negozju kien jagħmel anke jekk ad insaputa tal-familjari tiegħu, li kif diġa' ingħad, li talinqas kif jemerġi mill-istorja medika, ftit li xejn kienu jimportahom minnu minkejja dak kollu li qalu.

Għalhekk, il-Qorti tifhem ukoll għalfejn il-konvenuti kollha rrinunzjaw għall-eredita' tad-defunt. Proċedura li tiswa ħafna għal dawk li jkunu ħadu l-perżuta biex ma jitwekkewx bl-għadma. Il-Qorti ma teskludix li l-konvenuti kienu konsapevoli bid-dejn li kien daħal għalih id-defunt, għalkemm kif diġa' rilevat, stante li si trattata ta' trasferiment gratwitu (donazzjoni), ma hemmx il-ħtieġa li jiġi stabbilit il-*consilium fraudis* da parti tal-konvenuti.

Għalhekk meta l-Qorti tqies l-vertenza kollha fl-aspetti kollha tagħha u l-provi li għandha quddiemha tasal għall-konklużjoni li s-Soċjeta' Attriċi rnexxielha tipprova l-elementi kollha sabiex tirnexxi l-azzjoni pawljana ai termini tal-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili.

*<u>Ir-rimedju</u>*

Bħala rimedju s-Soċjeta' Attriċi qed titlob li l-kuntratti ta' donazzjoni fuq imsemmija jiġu dikjarati nulli (ara l-ewwel talba u t-tieni talba) u kif ukoll tħassar dawn il-kuntratti (fit-tielet talba). Issa l-konvenuti jargumentaw fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li *" hemm distinzjoni netta bejn talba għar-rexxissjoni u dikjarazzjoni ta' nullita' li tikkompeti lill-terz estraneju għall-kuntratt, Illi għaldaqstant peress li r-rikorrent qiegħed jattakka att ta' tarsferiment u cioe' ta' donazzjoni bl-azzjoni pauljana, ma jistax jitlob skond il-vot tal-ligi li jitlob li l-att jigi* ***imhassar*** *jew rexxiss, għaliex semmai dak li tippermetti l-ligi fl-azzjoni pauljana huwa propju li l-att in kwistjoni jigi annulat ...".*

Imma dak li qed jitolbu l-konvenuti fl-ewwel żewġ talbiet hu li l-kuntratti jiġu annullati. Semmai l-problema tqum fit-tielet talba, fejn qiegħed jintalab it-tħassir. Dan ifisser għalhekk, li l-argument tal-konvenuti, jekk qatt, japplika biss għat-tielet talba u mhux għat-talbiet kollha.

Imma dwar ir-rimedju fil-każ tal-*actio pauliana* s-sitwazzjoni legali ma hiex daqstant ċara u hemm diversi skejjel ta' ħsieb. Fil-fatt ġie osservat hekk:

"*Normalmente, dal fatto che, essendo uscito dal patrimonio del debitore il bene oggetto dell'atto, secondo la regola generale dell'art. 2740 c.c.* (ekwivalenti għall-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili tagħna), *esso dovrebbe non essere più raggiungibile dall'azione esecutiva del creditore.*

*Al fine di ovviare a tale pregiudizio risulterebbe addirittura eccessivo paralizzare l'effetto principale del negozio<u>, essendo sufficiente rendere inoperante quello</u>*

*che viene considerato un suo effetto secondario e soltanto consequenziale, cioè la sottrazione del bene all'azione esecutiva dello stesso creditore, consentendo a questo di perseguire il bene direttamente presso il terzo acquirente.*

*Risultava insomma dubbio se ad essere rilevante fosse la restituzione del bene, oggetto del determinato atto posto in essere, nel patrimonio del debitore, e il suo conseguente riassoggettamento all'azione esecutiva di tutti i creditori in base al principio generale sancito dall'art. 1949 dello stesso codice, o se invece giovasse soltanto al creditore-attore, consentendogli di recuperare il bene ai soli fini del soddisfacimento delle proprie ragioni, insomma se l'azione avesse funzione esecutiva ovvero soltanto conservativa e preparatoria dell'esecuzione* (Ara **Michela Bailo Leucari: L'Evoluzione Dell-azione Revocatoria Ordinaria : La Tutela dei Creditori Nei fenomini Di Separazione Patrimoniale)** (Emfażi tal-Qorti).

Osservazzjoni li anke ġiet riflessa fis-Sentenzi lokali josservaw li : "*L`actio pauliana ha la funzione non solo di ricostituire la garanzia generica assicurata al creditore dal patrimonio del suo debitore, al fine di permettergli il soddisfacimento coattivo del suo credito (sicche` la relativa sentenza ha efficacia retroattiva, in quanto l`atto dispositivo e` viziato sin dall`origine: v. Cass., 23 settembre 2004, n. 19131), ma anche di assicurare uno stato di maggiore fruttuosita` e speditezza dell`azione esecutiva diretta a far valere la*

*detta garanzia (v. Cass., 9 marzo 2006, n. 5105)".* (Ara **Sentenza tas-27 ta` Ottubru 2015 fl-ismijiet Dylan Azzopardi Vs Peter Zammit et**). U l-Qorti tal-Appell qalet li: "*L-effett tal-azzjoni pawljana ma huwiex dak li jħassar għal kollox il-kuntratt għax l-effetti obbligatorji jibqgħu jorbtu lill-partijiet fuq il-kuntratt u jibqgħu jiswew ukoll quddiem terzi; il-kuntratt jitħassar biss fl-interess tal-kreditur li jmexxi bl-azzjoni. Dan it-tħassir fl-interess tal-kreditur attur huwa meħtieg sakemm il-haga tingħata lura lill-patrimonju tad-debitur u hekk dan ikun jista` jwettaq l-obbligazzjoni tiegħu li jgħaddiha lill-kreditur, ladarba l-obbligazzjoni ma tkunx tista tigi esegwita kontra t-terza persuna billi din ma tkunx debitrici tal-kreditur għal dik l-obbligazzjoni".*

Pero jrid jingħad ukoll li hemm Sentenzi li jsostnu hekk: "*L-effetti ta' l-azzjoni pawljana huma li l-atti jigu annullati u mhux rexissi. Illi dina l-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament għar-ragunijiet appena spjegati u dan stante li s-socjetajiet attrici ma kinux parti fil-kuntratt mertu tal-kawza izda terzi li qegħdin jattakkaw l-istess kuntratt.*" (Ara **Sentenza, PA, Per Imhallef Geoffrey Valenzia tat-30 ta' Mejju, 2008 fl-ismijiet C. Fino & Sons Limited u Multiple Estates Limited vs Saviour Buttigieg** u kif ukoll dik li tinsab **Vol 29 p2 p 866 fl-ismijiet Bugeja vs Terribile** ċitata mill-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet.)

Il-Qorti qieset sewwa l-kwistjoni legali u waslet għas-segwenti konklużjoni.

Li kif qalu sewwa l-konvenuti fil-każ ta' din l-azzjoni tista' tintalab biss li jkun annullat l-att u mhux rexxiss għaliex tal-aħħar tista' tintalab biss mill-parteċipanti tal-att u mhux mit-terz bħal ma huwa l-każ. Pero' l-Qorti temmen li hija aktar

ħaġa ġusta li n-nullita' tkun waħda relattiva u mhux assoluta skond it-tagħlim fuq indikat. L-att fih innifsu bejn it-terz u d-debitur jibqa' validu iżda biss jitlef l-effetti tiegħu fil-konfront tal-kreditur meta jiġi biex jesegwixxi. U għalekk kif intqal aktar 'l fuq*, "essendo sufficiente rendere inoperante quello che viene considerato un suo effetto secondario e soltanto consequenziale, cioè la sottrazione del bene all'azione esecutiva dello stesso creditore, consentendo a questo di perseguire il bene direttamente presso il terzo acquirente".*

Pero' l-Qorti tosserva, li l-konvenuti għandhom raġun meta jgħidu li mhux korrett li f'azzjoni bħal din qed tintalab ir-rexxissjoni tal-atti għaliex huma ma kinux parti għalihom. Għalhekk, it-tielet talba ser tkun miċħuda. B'dana kollu l-Qorti tfakkar, li skond artikolu 239(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kull Sentenza li biha att ta' trasferiment ta' proprjetà ta' ħwejjeġ immobbli, jew ta' jedd reali ieħor fuq dawk il-ħwejjeġ, jiġi maħlul, annullat jew imħassar jibdew iseħħu kontra terzi, mill-waqt biss li jiġu insinwati fir-Reġistru Pubbliku. Għalhekk għall-effikaċja tal-ġudikat ser tkun qed tordna li din is-Sentenza tiġi insinwata fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tavvisa lill-konvenuti, li din is-Sentenza tqegħdhom in assoluta male fede totali jekk jipprovaw jitrasferixxu bi kwalunkwe mod jew b'xi mod jgħabbu l-proprjetajiet imsemmija bi drittijet reali jew personali u ċioe' il-fond 'Madonnina', Triq Ignazio Saverio Mifsud, B'Kara u kif ukoll il-garage numru 32, Saint Garage Triq il-Mitħna, B'Kara.

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** kif mitluba b'dana n-nullita hija waħda relattiva u tirreferi biss għas-Soċjeta' Attriċi kif spjegat aktar 'l fuq.

**Tilqa' it-tieni talba** kif mitluba b'dana n-nullita hija waħda relattiva u tirreferi biss għas-Soċjeta' Attriċi kif spjegat aktar 'l fuq.

**Tiċħad it-tielet talba**, b'dana kollu l-Qorti tordna li din is-Sentenza tiġi insinwata għall-effetti tal-artikolu 239 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-insinwa tista' issir minn kull parti għal din is-Sentenza.

Spejjes tal-kawża kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti solidalment bejniethom u kwantu għat-terz (1/3) l-ieħor a' karigu tas-Soċjeta' Attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**